MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIZZI ANTONIO LL.D.**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2002

Numru 331/2002

Il-Pulizija
(Sp Josric Mifsud u
Sp Neville Xuereb)
vs
Tawfegh Abdallah Abufrewa, iben
Abdallah, imwieled Tripoli fit-2 ta'
april, 1972

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, fl-1 ta' novembru, 2002 u
fit-tlett xhur ta' qabel, fis-Swieqi u fi bnadi oħra f'Malta, f'ħinijiet differenti –
kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern

skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod ieħor liċenzjat mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli ta’ l-1939 dwar
il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292 ta’ l-1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101
tal-Liġijiet ta’ Malta.
Il-Qorti ġiet mitluba li minbarra li tapplika l-piena skond il-liġi tiddikjara lill-persuna hawn fuq imsemmija bħala mmigrant projbit u tordna t-tkeċċija tiegħu minn dawn il-Gżejjer skond l-artikoli 14 u 15 tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Ġenerali biex l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwieġeb għall-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ novembru, 2002 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 9 u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta u r-Regolament 8 tal-G.N. 292 ta’ l-1939 u tikkundannah għal piena ta’ sena priġunerija iżda wara li rat l-artikolu 28A
tal-Kodiċi Kriminali tordna li tali piena m’għandhiex isseħħ ħlief jekk fil-perjodu ta’ erba’ snin mil-lum jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija. Inoltre, rat l-artikoli 14 u 15 tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta’ Malta tiddikjara l-imputat immigrant projbit u tordna l-ħruġ ta’ Ordni ta’ Tneħħija minn dawn il-Gżejjer kontra tiegħu.